Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 24**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Ħamis, 18 ta'Settembru 2025. Il-Laqgħa bdiet 16:52.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Jeanelle Attard – Kunsilliera

Josef Charles Hili - Kunsillier

George Zammit – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

Paul Azzopardi – Viċi-Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

SR MM

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Inqrat l-imejl ta'appoloġija tal-Viċi-Sindku Paul Azzopardi.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 23 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati b'xi emendi żgħar li saru fejn tneħħiet sentenza fuq il-ħlas tat-trasport minn tfal fl-istess familja u ġiet miżjuda sentenza fir-rigward tas-CCTVs.

**24.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

*Gnien ta' Blankas*

Is-Sindku qalet li bħalissa kollox wieqaf għax qed nistennew risposta mill-bord biex jingħataw il-flus mid-DPF. It-tender lest anke minn naħa tal-MCAA hemm l-approvazzjoni.

*Ta' Ġokk Playingfield*

Hi tenniet li l-proġett Ta'Ġokk miexi ukoll, kien oġġezzjoni żgħira fuq il-pjanta u għandhom isiru l-emendi mill-perit.

*Playingfield tal-Barmil*

Is-Sindku spjegat li l-proġett tal-playingfield tal-Barmil miexi ukoll. Hemm djalogu għaddej ma dawk kollha nvoluti.

*Korsijiet tax-Xitwa*

Is-Sindku staqsiet x'korsijiet ser isiru għax-xitwa, il-kunsilliera Jeanelle Attard talbet li ħjata u bizzilla jibqgħu jinżammu għax għal ħjata hemm diġa 7 kkonfermati.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għandha tistaqsi lil-animaturi humiex disponibbli. Fost il-korsijiet li ġew issuġġeriti huma ħjata u bizzilla, cake decorating, 3D printing, fuħħar u kompjuter bażiku għall anzjani. Għal kors bażiku tal-kompjuter ġie ssuġġerit li l-animatur Mario Xerri. Il-minimu ta' persuni għal kull kors għandu jkun sitt persuni.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet ukoll kors tal-presepji u semmiet li jkunu jistgħu jorganizzawh ta' l-armar u dawk li jattendu jħalsu lilhom.

Il-kunsillier George Zammit issuġġerixxa l-ganutell, il-kunsilliera Jeanelle Attard għandha tkellem lis-sinjura Lucia Hili sabiex tara tistax torganizza l-kors.

Is-Sindku qalet li kienet għamlet kuntatt ukoll ma' taż-żwiemel għal ġerrejja żgħar u għandha terġa tkellmu.

Semmiet ukoll li fil-passat kien hemm wieħed li jnaqqax fil-ġebel u kien jagħmel korsijiet. Is-Sindku għandha tiċċekkja.

**24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Il-Kunsillier Josef Hili qal li jekk tista' tiġi miżjuda mera oħra fi Triq Xħajma għax kellu lment li min ikun ħiereġ mill-wied ma jarax karozzi li jkunu ġejjin minn naħa tax-Xewkija. Ġie deċiż li titwaħħal mera man-naħa l-oħra tat-triq.

Huwa semma ukoll garage li hemm fejn il-kajselli, fejn il-parking boxes huma eżatt mal-bieb tal-garage. Huwa għandu jibgħat ritratti l-kunsill sabiex napplikaw mat-Transport Malta.

Is-Seg Eżekuttiv semmiet li dejjem għandhom jinġabru kwotazzjonijiet jekk l-ammont ikun aktar minn €500. Hi qalet li hemm skemi ta' ilu li mhumiex magħluqin u l-prijorita tagħha bħalissa hija li jingħalqu dawn l-iskemi u l-kotba tal-kunsill jiġu *up-to-date*.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lis-Seg Eżekuttiv jekk tal-Jubilant Rhapsody ingħalqitx minħabba l-fondi, l-ES wieġbet fl-affermattiv.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet ukoll rigward l-iskema tal-Milied jekk ġietx approvatha. Is-Seg Eżekuttiv wieġbet li għad ma hemmx risposta u għandha tiċċekja.

Il-Kunsillier Josef Hili talab jekk jistax isir tindif fl-area Ta' Ġokk għax qed ikun hemm ħafna trab.

Is-Sindku staqsiet jekk għaliex il-kuntrattur tat-tindif qed jagħtina kwotazzjonijiet għal qtuh tal-ħaxix f'ċertu toroq jekk dan huwa xogħolhom. Is-Seg Eżekuttiv wieġbet li ċemplet lil-kuntrattur u qalilha li it-Triq tal-Ħorob ma' taqax taħt it-tender. Is-Sindku qalet li l-istess ħaġa qed tiġri għat-Triq ta' Ġidi fejn dawn iż-żewġ toroq jagħmlu max-Xewkija.

Is-Sindku sabet it-tender tat-tindif u hemm imniżlin fiha l-ismijiet tat-toroq. It-tender ser tgħalaq f'Jannar, il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerriet li l-ismijiet tat-toroq ma' jiġux indikati fit-tender.

Il-Kunsillier George Zammit qal li fejn il-kuntrattur qed jitlob aktar finanzjarjament biex jagħmel xi xogħol f'toroq li mhumiex imniżżlin, għandna nistennew li terġa' toħroġ tender oħra f'Jannar biex isiru.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li għad kemm kellha talba għal-Kunsill tat-tfal sabiex isir fit-3 t'Ottubru mill-4:00 sal-5:30 ta' filgħaxija fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-laqgħa ġiet kkonfermatha.

Is-Sindku wriet ix-xewqa li kif tkun dieħel fir-raħal issir xi ħaġa oriġinali kbira bħal ma' saru f'irħula oħrajn bħal ta' Sannat. Il-Kunsillier Josef Hili ssuġġerixxa ġebla kbira u r-residenti jmorru jnaqxu xi ħaġa fuqha.

Is-Sindku qalet li sar akkwist ta' luzzu b'xejn li kien imkisser u tkelmet mal-prinċipal ta' l-edukazzjoni. Dan il-luzzu ser jaħdmu fuqu l-istudenti biex jirrestawrawh. Dan jimtela bil-ħamrija u jitħawlu l-pjanti meta jkun lest. Dawn l-istudenti jiġu mistiedna meta dan jiġi nawgurat.

Is-Sindku qalet li l-aħjar post fejn jitpoġġa huwa fejn il-Knisja tal-Ħniena fejn mhux suppost jipparkjaw.

**24.5 Trasport ta' l-iskola;**

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet kemm hemm tfal miktubin, is-Seg Eżekuttiv qalet li hemm 33 student li nkitbu għat-trasport. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li fi snin preċedenti dawk li applikaw għal transport one way xorta kienu jħallsu għal two ways għax il-Kunsill xorta jrid iħalsu l-vjaġġ.

Is-Seg Eżekuttiv qalet li wieħed biss applika għat-tender pero din ġiet mitfugħha għolja ħafna, 250% aktar mill-istima.

Dawk preżenti qablu li t-tender ser jiġi mwaqqha.

Għadhom jinġabru l-kwotazzjonijiet għall-minibuses u għandha tintgħażel l-inqas kwotazzjoni.

**24.6 Tilqima;**

Is-Sindku staqsiet lil dawk preżenti hux ser terġa tiġi offrutha t-tilqima. Il-Kunsillier Josef Hili qal lil kienet success sabiex terġa ssir.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li jrid jitqabbad tabib mir-raħal, qalet ukoll li dik trid toħroġ mid-Dipartiment tas-Saħħa l-ewwel.

Is-Sindku ċċekjat mas-Sindki l-oħra u qalet li l-ewwel trid toħroġ minn tas-Saħħa u wara tkun tista' tibda tingħatha t-tilqima.

Is-Sindku qalet li meta toħroġ din l-iskema, l-Kunsill hemm lista li tkun trid tintbgħat id-Dipartiment u tiġi approvatha pero ġiet infurmatha mis-Sindku Edward Said li din mhu ser issir din is-sena.

**24.7 Jum ix-Xewkija;**

Il-Kunsillier Josef Hili staqsa jekk Jum ix-Xewkija hux ser terġa ssir fis-Sala ta' l-iskola, is-Sindku wieġbet li tixtieq li ssir f'post differenti pero' tenniet li peress li hija attivita' tar-raħal mhux idejali li toħroġ mir-raħal.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet li fil-passat Jum ix-Xewkija ġieli ttellgħet fiċ-Ċentru, fis-sala ta' l-iskola u kemm f'tal-Biedja.

Is-Sindku spjegat li f'Jum ix-Xewkija jingħata 'Ġieh ix-Xewkija' u 'Ħidmet iż-Żagħżagħ'. L-isem ta' min ser jiġi nnominat irid jitnaqqax fuq il-plakka. Il-medalja trid tiġi ordnatha u jitnaqqax l-isem, jridu jiġu ordnati ukoll il-plakki tar-rikonoxximent u l-plakka ta' Ħidmet iż-Żagħżagħ.

Sar qbil li l-attivita' ser tittella l-Ħamis 27 ta' Novembru, is-Seg Eżekuttiv għandha tibbukja s-Sala ta' l-iskola, tkellem lill-arċipriet u tiġbor il-plakka minn għand George Zammit Haber.

Iridu jiġu bbukjati wkoll projector, tas-sound, min jippreżenta u ikel għar-riċeviment.

Għandha ukoll tibgħat korrispondenza lil Banda Prekursur sabiex jibgħatu kwotazzjoni għal kunċert li jittelgħa f'din il-ġurnata.

Il-Kunsillera Jeanelle Attard qalet lis-Seg Eżekuttiv biex tibgħat il-formoli għan nominazzjonijiet lill-għaqdiet kollha tar-raħal.

Is-Sindku qalet li dan irid isir sa żmien ħmistax sabiex ikun hemm bizzejjed ħin biex jiġu ordnati l-plakki. Is-Sindku u l-kunsilliera għandhom jinnominaw lil xi ħadd mid-dikasteru tagħhom u l-votazzjoni ssir fil-laqgħa li jmiss tal-kunsill.

Ġie deċiż li jekk min jingħata rikonoxximent ma' jattendix ma' jingħajatx ismu.

## 24.8 Dwal u tiżjin tal-Milied

Is-Sindku qalet li kien il-ħsieb li d-dawl tal-Milied tat-toroq kien ser isir mill-kunsill pero' għal din is-sena ser jiġi mikri minn għand Chris Gauci. Hija diġa kellmet lil Trista ta' l-Armar u ser jagħmlu disinn għas-sena 2026 għal żewġ toroq, Triq Indipendenza u Triq San Bert. Il-Pjazza hemm l-armar u s-Sindku għandha tiċċekja jekk Triq il-Knisja tintremax mill-Kunsill.

Għas-sena 2026 is-Sindku qalet li ta' l-ideja li dawn id-dawl jiddaħlu ma' l-iskema tal-Milied u ma jsirx il-Christmas market skond kemm jiġu jiswew u l-fondi.

Il-Kunsillier George Zammit staqsa jekk presepju hux ser jintrema fil-pjazza. Is-Sindku qalet li l-presepju nkiser. Il-Kunsillier Josef Hili propona li jinxtraw pasturi u jitpoġġew fil-kamra fejn issoltu jkun hem Father Christmas. Dawk preżenti qablu.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li għandna navżaw lil min jiehu ħsieb il-Christmas Market sabiex jaħsbu għal post ieħor għar-ritratti ma' Father Christmas jekk il-kamra ser tintuża għal pasturi.

Is-Sindku qalet li Il-kamra hija tal-Kunsill.

## 24.9 Vakanzi mpejgati tal-Kunsill

Is-Sindku semmiet li uffiċjalment il-vakanzi mtlew. Hija qalet li issa ser ikun hemm żewġ impjegati fl-uffiċju u mpjegata oħra li ser tkun fl-uffiċċju tal-Maltapost kif ukoll ser tkun bil-community van. Hija qalet li qabel kien hemm tlett impjegati l-uffiċċju kollha *Scale 11* u hekk hemm impjegat inqas fl-uffiċċju fejn ħafna xogħol qed jaqa fuq is-Seg. Eżekuttiv.

Is-Sindku sssuġġeriet li jinstab xi ħadd part-time li jkun fuq l-attivitajiet, il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dan ix-xogħol jistgħux jagħmluh l-impjegati li hemm, is-Sindku qalet li fl-uffiċċju hemm ħafna xogħol.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li għandna niċċekjaw mal-gvern lokali sabiex naraw nistgħux nitolbu mpjegat *part-time* filkaz tista' toħroġ il-vakanza. Kulħadd qabel.

**24.10 Sessjonijiet ta' fitness**

Is-Seg Eżekuttiv qalet li ntbagħtu kwotazzjonijiet minn tlett persuni għas-sessjonijiet b' €50, €45 u €60 għal kull sessjoni.

Dawk preżenti ddeċidew li jintgħażlu sessjoni waħda ma' Christiana u l-oħra ma Lucas Gomez ta' €45 u €50.

Il-Kunsillier Josef Hili għandu jkellem lis-Sur Angelo Bonello sabiex jiġbor iċ-ċavetta ta' l-iskola lura.

Il-poster għas-sessjonijiet għandhom isiru minn għand min ser jagħmel is-sessjonijiet.

Is-Sindku qalet lis-Seg Eżekuttiv biex tikkuntatja lis-skola sabiex jiġġedded il-kuntratt.

Dawk li ser jattendu għal dawn is-sessjonijiet għandhom iħallsu l-kunsill €35 għal 7 sessjonijiet.

**24.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

L-iskeda tal-pagamenti 09/2025 ġiet approvata u ffirmatha.

**24.12 Korrispondenza u Ilmenti;**

- Il-Patrun Tagħna – il-kunsilliera Jeanelle Attard għandha tistaqsi lil-arċipriet nistgħux nużaw xi ufficċju ċ-ċentru

- Ċir AKL 2025/052 Informazzjoni dwar tiġdid tal-Karti tal-identita – Nibgħathu komunikazzjoni b'iva

- Invit għall-Health Walk 2025

- Exhibition during the year of Culture – Reġjun Għawdex

- Ittra mibgħutha mill-avukat tal-kunsill lis-sur Tiny u Sinjura Doris Xerri biex titneħħa l-isporgenza ta' concrete li tpoġġiet minnhom fi Triq San Ġwann Battista

- Talba sabiex jinbena ħajt għal sit ta' kostruzzjoni – biex inwieġbu li dan il-ħajt irid ikun attrezzat b'dawl ipetpet 24 siegħa

- Talba għall-parkeġġ riservat fi Trejqet Ein Karem – għandna nikkuntatjaw lil TM sabiex naraw dan jistax isir mhux personalizzat

- Talba biex issir sleeping policemen fi Triq il-Ħamrija – mhux possibbli għax triq prinċipali

- Talba biex titranġa ix-xibka tal-ħadid tal-ground ta' fejn l-iskola – is-Sindku qalet li lil tal-fottball diġà ngħatawlhom xi fondi u suppost irrangawha

- Talba biex issir zebra crossing quddiem knisja ta' Ħamet – is-Sindku qalet li qed jaħdmu fuqha però hemm problema minħabba d-dwal ta maz-zebra crossing

- Talba biex issir zebra crossing quddiem il-kajselli – il-kunsillier Josef Hili għandu jibgħat ritratti

**24.13 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 15 t'Ottubru 2025 fl-16:30

Kkonfermati llum 17/10/2025

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv